SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 9
10 ta' Settembru 2014

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

Book your advert on our TV Programme "MEA". Favorable rates available. Call us for further info!

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

# MEA tipproponi numru ta' tibdiliet fil-liġi magħrufa bħala EIRA (*Employment & Industrial Relations Act*)

Nota:

L-Ewwel nett, ippermettuli li niskuża ruhi minħabba li f'dan il-fuljett illum ser tkunu qed tiltaqgħu ma kliem u frażijiet li kont kostrett inħallihom bil-lingwa ingliża, sabiex b'hekk nibqa 100% leali ma dak li tgħid u tispeċifika il-liġi li ser inkun qed inkellimkom dwarha.

Merħba,

L-Assoċjazzjoni ta' min iħaddem ( l-MEA ) ippreżentat dokument b'numru ta' proposti biex tiġi emendata l-EIRA. L-għan ewlieni ta' dawn l-emendi huwa, li filwaqt li din il-liġi ilha fis-seħħ sa mill-2002, partijiet minna jeħtieġ li jinbidlu sabiex jirriflettu r-realta' tal-lum, u jiġu eliminati klawżoli li qed jagħtu lok għal misinterpretazzjoniet. Dan id-dokument ġie ippreparat wara ħafna riċerka u diskussjonijiet, u l-ħsieb hu li fil ġimgħat li ġejjin, jibqaw għaddejjin il-laqgħat ta' diskussjoni ma l-entitajiet kollha ikkonċernati.

L-ewwel nett, ikun tajjeb li nagħtikom ftit informazzjoni dwar x'hini eżattament l-EIRA.

L-EIRA hija l-"*Employment and Industrial Relations Act*", liġi li tirregola l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, u ir-relazzjonijiet Industrijali fuq il-post tax-xogħol.

F'Ottubru 2002, żewg liġijiet, li kienu jeżistu, ġew ikkonsolidati f'liġi waħda, u b'hekk illum insibu:

**KAPITOLU 452**

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

*Biex jikkonsolida, b'emendi, l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impieg (Kap. 135) u l-*

*Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266).*

Jew kif magħrufa aħjar bħala EIRA.

Biex tkunu jistgħu taċċessaw u taraw eżattament x'tgħid din il-liġi, tistgħu tidħlu fuq is-sit elettroniku: justiceservices.gov.mt. Jekk tħossukom aktar komdi, aqilbu għal verzjoni bil-Malti, fittxu taħt servizzi legali, imbagħad morru fis-sezzjoni leġislazzjoni, ittajpjaw in-numru tal-kapitolu, (cioe 452), u hemm issibu il-liġi kollha kif inhi sal-lum.

Il-punti prinċipali tal-proposti u rakkomandazzjonijiet huma:

1. Tiddaħħal fil-liġi d-definizzjoni, (li bħalissa ma teżistix ), ta' *"Union Member".*

2. Jidħlu fil-liġi, b'mod ċar, sempliċi u konċiż, linji gwida ta' kif tiġi stabbilita *"Union recognition".*

3. L-*Employers* hemm bżonn li jibdew jingħataw, tlett ijiem "notice" qabel ma tidħol fis-seħħ kwalunkwe azzjoni industrijali

4. L-*Employers* għandhom jingħataw id-dritt li jnaqqsu mis-salarji :



a) meta l-impjegati ma jaħdmux in-*notice period*

b) meta servizz jkun abbandunat qabel id-data ta' skadenza tiegħu f'każ ta' kuntratt definit.

c) meta impjegata ma taħdimx is-sitt xhur sħaħ wara li tkun ħadet il- *"leave"* tal-maternita.

d) meta impjegat li jirriżenja, fid-data li jitfa ir-riżenja tiegħu, ikun ġa ħa *"vacation leave"* aktar minn kemm kien intitolat.

5. Impjegati li jaħdmu aktar minn ħames t'ijiem f'ġimgħa, jiġifieri li ma għandhomx b'mod awtomatiku li ma jaħmdux nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd, għandhom huma ukoll jirrinunzjaw għal festi pubbliċi li jinzertaw jaqaw fil-ġranet ta' mistrieħ tagħhom.

6. It-Tribunal Industrijali, fil każi kollha, sew jekk ikun qed jittratta *"unfair dismissal"* jew *"Trade Dispute"*, għandu jkun immexxi minn Avukat li ta' l-inqas ikollu seba snin esperjenza u jkun assistit minn żewġ *"laypersons"* li jirrappreżentaw l-*employers* u l-impjegati.

7. Fid-deċizjonijiet li jieħu it-Tribunal Industrijali ma għandux jikkundizzjona lilu innifsu għal

*"Government, social or economic policies"* jew *"national development plans"* hekk kif bħalissa għandu l-obbligu li jagħmel.

8. Deċizjonijiet tat-Tribunal Industrijali għandhom ikunu soġġetti għal appell quddiem l-"*Employment Appeals Tribunal".*

9. Ir-regolament attwali fejn deċizjonijiet tat-Tribunal Industrijali ikunu jistgħu jiġu irriversjati b'awtorita mil-Parlament Malti , hemm bżonn li jitneħħa kompletament.

10. Il-kumpens massimu li jiġi ordnat li jingħata mit-Tribunal, għandu jkun *"capped"* u ma jistax jaqbeż it-18–il xahar paga.

11. It-Tribunal Industrijali ikun obbligat li jagħti deċizjoni sa tlett xhur mill-aħħar seduta.

12. Ic-*Chairperson* tat-Tribunal Industrijali iżomm il-ħatra tiegħu għal perjodu miftiehem u ma jistax jitneħħa permezz ta prerogattiva Ministerjali.

13. Sakemm mhux speċifikat fil-"*Wages Council Wage Regulation Order",* l-*Employers* jistgħu jiddeċiedu li jallokaw ta l-inqas 8 t'ijiem fis sena , bħala *"shutdowns"*, sabiex jibbriġjaw festi pubbliċi.

14. Li persuna tkun assenti mix-xogħol kaġun ta' *"self-inflicted unfitness for work"* li jinkludi iżda mhux biss għalhekk, *"drunkenness, hangover, sunburn, sun-strokes,* u *sports injuries"* ma jintitolax lil istess impjegat b'mod awtomatiku,li jkun jista jieħu/ tieħu is-"*sick-leave"*, anke jekk it-tabib personali tiegħu/tagħha, jiċċertifika li mhux tajjeb sabiex imorru għax-xogħol.

15. Filwaqt li l-MEA qeda tirrikonoxxi li kull każ hemm bżonn li jkun ittrattat skond iċ-ċirkostanzi partikolari, xorta waħda qed jiġi propost li l-*employer* ma għandux iħallas għal *"sick leave"* li jintalab biex jittieħed speċifikament għal operazzjonijiet kosmetiċi.

16. Hemm bżonn ta riviżjoni tal *COLA mechanism* sabiex jinkorpora fiħ il-livelli ta' produttivita u effiċċjenza.

17. Hemm bżonn ta kjarifika fil kliem, li jirrigwardja *"termination of employees upon reaching retirement age"* jew , *"if retained in employment after retirement age".*

18. F'każ ta' riżenja jkun hemm perjodu minimu ta' *"notice"* li jkollu jinħadem.

19. L-MEA qeda tipproponi li ċerti impjiegi jibdew jiġu ikklassifikati bħala *"exempt from overtime payment by definition"*. Fil-prattika , din diġa qeda tiġri, u fil-maggoranza tal- impjiegi amministrattivi, impjiegi tekniċi u maniġerjali, kif ukoll impjiegi f'posizzjonijiet eżekuttivi, is-salarji annwali jinkludu ukoll is-sigħat kollha anke dawk li jaqbzu il-"*forty hour per week".*

L-MEA temmen, li jekk ikollna qafas legali aktar ċar, u konċiż, ikun qed jgħin u jassigura sabiex ċirkostanzi relatati ma impjieg, ikunu koperti u irregolati aħjar, u b'hekk ir-realazzjoni bejn l-*employers*, *unions*, u l-Gvern , ma tispiċċax sabiex tiżviluppa f'konfronti diretti u jinħolqu sitwazzjonijiet ikkumplikati.

L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tissottometti dawn ir rakkomandazzjonijiet quddiem l-MCESD għad-diskussjoni mas-sieħba soċjali u l-Awtoritajiet ikkonċernati.

Idħol f'dan is-sit sabiex ikollok aċċess għad dokument kollu.

Nagħlaq dan id disa' komunikat magħkom, l-*employers* sidien ta negozji żgħar, billi nappellalkom sabiex ma tiddejqux tagħmlu kuntatt magħna, kull meta tħossu il-ħtiega.

Ippermettuli infakkarkom ukoll li il-bibien tal MEA huma dejjem miftuha ghalikom, jekk ga la darba intom tiddeciedu li tissiehbu maghna bhala membri.

Dan tistgħu tagħmluh billi, tibgħatu email fuq anton.vella@maltaemployers.com jew admin@maltaemployers.com inkella iċċemplu fuq in-numri tat-telefon tal-uffiċċju li huma 21222992 / 21237585, jew tħallu isimkom u t-telefon tagħkom fejn inkunu nistghu nikkuntattjawkom, fuq it-24/7 *helpline answering machine* 21222006.

Grazzi u tislijiet

Anton

Anton Vella

*SME Helpdesk Executive*

